MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 1224/2002/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 2119/2002**

**Josef Gatt**

**vs**

**Marisa Gatt**

Il-Qorti:

Dan hu appell minn provvediment moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Novembru, 2002 u li jghid hekk:

**Il-Qorti:**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti tal-31 t'Ottubru 2002.**

**Rat ir-risposta ta' l-intimata tat-8 ta' Novembru, 2002.**

**Peress li r-rikorrenti ma deheritx ghall-appuntament odjern, il-Qorti tichad it-talba tal-istess rikorrenti anke peress li hija ma sostanzjatx l-allegazzjonijiet taghha, b'dan ghalhekk li t-tieni u t-tielet talba taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**

**Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.**

Dana l-provvediment inghata wara li l-appellanti (allura rikorrenti) Marisa Gatt kienet ippresentat rikors taht l-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fuq talba ta' zewgha Josef Gatt (Sekwestru nru. 2119/2002 fl-ismijiet ***Josef Gatt v. Marisa Gatt***, Dok. "A" a fol. 4 tal-atti). Ghall-precizjoni ir-rikorrenti, fir-rikors taghha, kellha <u>tlett</u> talbiet: (**1**) talba ghall-urgenza taht l-Artikolu 836(2) (din it-talba kienet evidentement superfluwa in vista ta' dak li jipprovdi l-istess Artikolu 836(2)); (**2**) talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju msejsa fuq il-paragrafi (d) u (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 836; u (**3**) talba ghall-penali taht l-Artikolu 836(8)(d). Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, konformement ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (3) ta' l-Artkolu 836, b'digriet datat 1 ta' Novembru, 2002, ordnat in-notifika ta' Josef Gatt b'erbat ijiem zmien ghal risposta, u fl-istess hin appuntat ir-rikors ghas-smigh u ghat-trattazzjoni ghall-14 ta' Novembru, 2002 fil-hdax ta' filghodu.

Issa mill-atti jirrizulta – u hawn qieghed il-qofol tal-aggravju ta' l-appellanti – illi filwaqt li l-intimat Josef Gatt gie notifikat kemm bir-rikors ta' martu kif ukoll bl-avviz tas-smigh, ir-rikorrenti <u>baqghet ma giet qatt notifikata bl-avviz</u>

tas-smigh. In fatti, kif jidher minn fol. 7, tergo, ir-riferta hija wahda negattiva (b'timbru ahmar) u dan peress li skond il-marixxal li mar biex jinnotifika l-avviz lir-rikorrenti, huwa ma sabx l-indirizz "'Aida', Anici Street, Qormi", cioe` l-indirizz tar-rikorrenti appellanti. Fl-14 ta' Novembru, 2002, meta r-rikors issejjah, dehru biss l-intimat Josef Gatt (li nel frattemp kien ippresenta risposta oppositorja ghar-rikors ta' martu) u l-avukat difensur tieghu. Ir-rikorrenti Marisa Gatt, li evidentement ma kienet taf b'xejn bid-data tas-smigh ghax ma kienitx giet notifikata, baqghet ma deheritx u anqas deher id-difensur taghha. L-ewwel Qorti, li evidentement la kienet indunat bir-riferta negattiva u anqas ma din ir-riferta ngiebet ghall-attenzjoni taghha mill-intimat, ghaddiet biex taghti l-provvediment hawn aktar 'l fuq riportat. Mill-verbal ta' dik l-udjenza – fol. 13 ta' l-atti – ma jirrizultax li l-provvediment kien wiehed kamerali, izda li nghata fil-qorti bil-miftugh minnufih wara li dik il-Qorti kkonstatat li "Ir-rikorrenti u d-difensur tieghu [recte: taghha] msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux".

Marisa Gatt appellat minn din id-decizjoni fuq il-motiv principali li gie vjolat is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 836 (li jipprovdi li l-Qorti, wara li tappunta r-rikors ghas-smigh, ghandha "tisma' lill-partijiet") u dan peress li hija anqas biss kienet giet notifikata bid-data tas-smigh tar-rikors. L-intimat Josef Gatt, min-naha tieghu, eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell. Fi kliem l-intimat:

**Illi l-intimat appellat umilment jissottometti illi dan l-appell huwa wiehed null u bla effett u dan stante li d-digriet ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti mhuwiex appellabbli u dan ai termini ta' l-Artikoli 229(1) u l-Artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Illi d-digriet in kwistjoni huwa wiehed kamerali u r-rimedji ghal cahda ta' tali talba huma tnejn – it-talba tista' tigi riproposta permezz ta' rikors gdid jew min-naha l-ohra l-istess digriet li jichad it-talba jista' jigi attakkat permezz tal-procedura tac-citazzjoni li kienet u ghadha l-procedura ordinarja li biha wiehed jagixxi fil-kontenzjuz in kontradittorju tal-kontroparti fil-Qorti li tkun tat id-digriet;**

**Illi ghalhekk il-posizzjoni fil-kaz ta' cahda tat-talba baqghet dik imperenti (*sic!*) qabel l-emendi legislattivi bl-Att XIV [<u>recte</u>: Att XXIV] ta' l-1995 cioe` dik li l-kwistjoni tkun regolata bl-istess procedura applikabbli ghall-mandati ta' din ix-xorta taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li l-gurisprudenza tirritjeni li ghandha ssir b'citazzjoni quddiem l-istess Qorti li tkun tat id-digriet (*Joseph Bonello noe vs Emmanuel Ellul noe*, Appell Kummercjali, 26 ta' Gunju, 1987).**

Jibda biex jinghad li l-appellat m'ghandux ragun meta jikkontendi li d-digriet tal-Prim Awla tal-14 ta' Novembru, 2002 kien wiehed kamerali, u dan ghar-raguni ga moghtija aktar 'l fuq f'din is-sentenza. Mill-banda l-ohra, kif kien osservat minn din il-Qorti – diversament komposta – fis-sentenza ***Bonello v. Ellul*** citata mill-appellat, tradizjonalment jinghad li hemm tlett xorta ta' digrieti, cioe` dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li ghall-ewwel u ghat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell (***Bonello v. Ellul***, <u>supra</u>, Vol. LXXI p. 390; ***Baldacchino v. Bellizzi***, 10/8/53, Vol. XXXVII.i.519). Dan l-insenjament, izda, irid illum jigi ezaminat fid-dawl tad-diversi emendi introdotti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fil-hmistax-il sena minn meta nghatat is-sentenza ***Bonello v. Ellul***, u specjalment l-emendi introdotti bl-Att XXIV ta' l-1995. Iz-zewg disposizzjonijiet principali li ghandhom jigu kkunsidrati huma l-Artikolu 229 u l-Artikolu 836(5).

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubbju li d-digriet appellat, cioe` dak tal-14 ta' Novembru, 2002, <u>ma hux digriet interlokutorju</u>. Dan id-digriet ma hu b'ebda mod intiz biex b'xi mod jirregola l-andamant tal-"kawza" li dik il-Qorti kellha quddiemha, f'dan il-kaz iz-zewg kawzi ta' separazzjoni personali bejn il-konjugi Gatt. Ghalhekk l-Artikolu 229 ma japplikax ghad-digriet in kwistjoni. Din kienet ukoll il-konkluzjoni milhuqa minn din il-Qorti,

diversament komposta, fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet ***Paul Tanti pro. et noe. et v. Sammy Mifsud pro. et noe. et***. Jekk dan id-digriet ma hux interlokutorju, jista' jinghad li huwa wiehed definittiv? Biex digriet jinghad li huwa definittiv irid ikun tali li b'xi mod jidderimi ossia jtemm il-kontroversja bejn il-partijiet. Issa, apparti dak li jinghad fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 836, ma jistax jinghad li digriet li jichad jew jilqa' talba ghar-revoka ta' mandat <u>kawtelatorju</u> jtemm il-"kontroversja" bejn il-partijiet. Il-kontroversja hija dik migjuba fil-kawza proprja, f'dan il-kaz fiz-zewg kawzi ta' separazzjoni personali bejn il-konjugi Gatt, u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa intiz biss biex jigu preservati flus jew hwejjeg ohra mobbli li minnhom ikun jista' jigi sodisfatt kreditu pretiz li jigi definit u determinat f'dawk il-kawzi. Ghalhekk id-digriet tal-14 ta' Novembru, 2002 ma jistax jinghad li huwa wiehed definittiv, u ghandu jitqies bhala wiehed minn dawk fit-tielet kategorija aktar 'l fuq imsemmija. Issa, fil-kawza ***Paul Tanti pro. et noe. et v. Sammy Mifsud pro. et noe. et*** din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk dwar is-subartikolu (5) tal-Artikolu 836:

**Is-subinciz (5) [ta' l-Artikolu 836] jipprovdi illi ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors maghmul ai termini tas-subartikolu (1) ta' dak l-Artikolu u li dak id-digriet ikun finali u irrevokabbli. Qari ta' dan l-artikolu ma jhalli l-ebda dubbju fil-hsieb tal-Qorti illi fejn id-digriet ikun wiehed ta' cahda tar-rikors ghall-hrug ta' kontro-mandat, dan id-digriet seta' jkun soggett ghal appell u kontestazzjoni. Jidher, pero`, li l-Artikolu 836 ma jispecifikax il-mod kif u meta se jsir appell u kontestazzjoni minn tali digriet ta' cahda…Stabbilit illi l-Artikolu 229 ma kienx applikabbli ghall-kaz taht ezami, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi seta' kien applikabbli biss l-Artikolu 836. Konkluzjoni din imsahha in konsiderazzjoni illi dan kien artikolu li specifikatament jirregola l-mod kif seta' jigi kontestat digriet fir-rigward tal-hrug ta' kontro-mandat ta' att kawtelatorju. Dan l-artikolu l-legislatur kien introducih *inter alia* bhala kawtela dovuta kontra l-hrug ta'**

**mandati kawtelatorji awtorizzati fuq talbiet frivoli mill-kreditur jew f'cirkostanzi meta seta' jigi stabbilit illi d-debitur kellu bizzejjed x'jaghmel tajjeb in garanzija tal-kreditu. Din id-disposizzjoni allura tipprovdi ghal kif kellha ssir tali verifika u meta l-Qorti kellha allura tohrog il-kontro-mandat opportun. Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruhhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug tal-kontro-mandat kellha tibqa' fis-sehh [u] ma setghetx tigi b'xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali w irrevokabbli…". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha *contrario imperio* sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta' [l-Artikolu] 836. Id-dicitura ta' dan is-subinciz jissuggerixxi kif gia inghad pero` *a contrario sensu* illi setghu jsiru "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad it-talba ghall-hrug ta' kontro-mandat u li allura jkun halla l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur. Il-legislatur, pero`, illi dahal f'dettal kbir biex jirregola l-procedura fil-kaz fejn il-Qorti tilqa' talba ghar-revoka *in toto* jew *in parte* ta' mandat kawtelatorju sal-punt li timbarra definittivament kull forma ta' kontestazzjoni dwaru meta tawtorizza l-hrug ta' l-opportun kontro-mandat, naqas li jipprovdi ghall-mod kif seta' jsir "appell u kontestazzjoni" minn digriet li jichad rikors tad-debitur ghall-hrug ta' kontro-mandat. Una volta l-legislatur ghazel li ma jiddefinix din il-materja, anke jekk fil-kuntest ta' revizjoni generali tal-ligi procedurali maghmula bl-Att XXIV ta' l-1995, ma kienx lecitu li din il-Qorti tiddipartixxi mill-gurisprudenza kostanti taghha in materja li ddefiniet in-natura ta' digriet li jawtorizza l-hrug ta' mandat kawtelatorju, liema konsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* ukoll ghal digriet tal-hrug ta' kontro-mandat ta' l-istess att kawtelatorju. Ma kienx hemm raguni ghaliex l-insenjament ta' dawn il-Qrati f'dan ir-rigward fuq**

**elaborat ma kellux jitqies li ghadu fis-sehh billi l-ebda disposizzjoni ta' ligi li giet introdotta ma pprovdiet ghal din l-eventwalita`. Konsegwentement il-posizzjoni tibqa' kif kienet sal-lum illi dawn ix-xorta ta' digrieti ma setghux jigu appellati direttament quddiem din il-Qorti. Setghu biss jigu appellati u kontestati permezz ta' att ta' citazzjoni quddiem l-istess Qorti illi tat id-digriet, bi dritt ta' appell lil din il-Qorti una volta tinghata sentenza in prima istanza.**

Din il-Qorti, kif issa komposta, taqbel perfettament ma' dan kollu. Fi kliem iehor, l-appellanti Gatt, biex tikkontesta d-digriet tal-14 ta' Novembru, 2002, ma setghetx tirrikorri direttament quddiem din il-Qorti, izda kellha tipprocedi per via ta' citazzjoni quddiem il-Prim Awla, u, se mai, tappella mill-eventwali decizjoni tal-Prim Awla quddiem din il-Qorti. U dan hu hekk ukoll minkejja li fir-rikors taghha ghar-revoka tal-mandat l-appellanti Marisa Gatt kienet talbet l-applikazzjoni tal-penali (li wkoll giet michuda). It-talba ghall-penali ghandha titqies bhala semplicement talba accessorja ghal dik principali, u cioe` ghar-revoka tal-att kawtelatorju[1].

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa` l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Josef Gatt, tiddikjara l-appell irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

[1] Ara, pero`, sentenza antecedenti ghal dik ta' ***Tanti v. Mifsud***, u cioe` ***Paul Abela et. v. Busietta Gardens Madliena Ltd.***, deciza minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-6 ta' Ottubru, 2000, fejn il-Qorti hadet konjizzjoni ta' appell (inkluz appell incidentali) dwar l-imposizzjoni ta' penali taht is-subartikolu (8) tal-Artikolu 836. F'dan il-kaz, pero`, apparti li ma tqajmet ebda kwistjoni dwar ir-ritwalita` o meno ta' l-appell principali u l-appell incidentali, il-Prim Awla kienet "astjeniet" milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni u ppronunzjat ruhha biss fuq il-kwistjoni tal-penali. Hekk ukoll, fil-kawza ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut***, deciza minn din il-Qorti, diversament komposta, fit-13 ta' Marzu, 2001, it-talba quddiem il-Prim Awla u d-decizjoni tal-Prim Awla kienu limitati ghall-penali taht l-imsemmi subartikolu (8), u ma qamet ebda kwistjoni ta' ritwalita` o meno tar-rikors ta' appell.

---------------------------------TMIEM---------------------------------